TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 5 ta' Jannar 2016

Avviz Numru 37/2015

**Sammy Spiteri**

**Vs**

**Kunsill Lokali Kercem.**

**It-Tribunal:-**

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fis-17 ta' Settembru 2015 li premezz tieghu l-attur talab l-hlas ta' elfejn tlett mija u tletin Ewro u hamsin centezmu (€ 2330.50) ghal xogholijiet ta' skavar, tahmil ta' hamrija u xoghol realat ma hitan tas-sejjiegh fi Playing Field liema xoghol gie kkummissjonat mal-konvenut.

L-Kunsill konvenut laqgha ghal din it-talba billi eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u in oltre eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra' l-atti kollha.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum, ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni cioe dik tal-preskrizzjoni.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.
Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u li qed tgi deciza b'din is-sentenza hija dik fit-termini ta' l-artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta).

Dan l-artikolu jipprovdi:-

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;*

F'dawn il-proceduri wara li inghatat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur prova jirribatti l-istess preskrizzjoni bl-applikazzjoni tal-gurament decizorju. Fil-fatt huwa produca lir-rapprezentant tal-Kunsill konvenut fern din ikkonfermat illi d-debitu ma kienx thallas.

Il-funzjoni ta' dan il-gurament huwa propjament biex jirrispingi l-preskrizzjoni. L-attur debitur li ma jibqalu l-ebda prova ohra dwar il-preskrizzjoni specjalment dwar l-interruzzjoni jew is-sospensjoni taghha, isejjah lil konvenut, sabiex bil-gurament jitlob dikjarazzjoni bazata fuq il-kuxjenza ta' dak il-konvenut, dwar jekk il-konvenut ghandux jaghti lil attur jew le. Ghalhekk jekk bil-gurament il-konvenut iwiegeb illi huwa ghandu jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taqa' immedjatament izda jekk bil-gurament tieghu, il-konvenut jghid illi ma ghandux jaghti jew kliem iehor simili, il-preskrizzjoni minnu eccepita titqies bhala pruvata. Dan kien ir-ragonament tal-Qorti fil-Kawza **Ivy Angus vs Joseph Callejja noe. (15-2-1958) (Vol. XLII-II-923);** kif ukoll fil-kawza **Joseph Barbara vs Rev. Prof, Carmelo Sant noe' (5-10-1955) (Vol XXXIX-II-732).**

Dan ghaliex kif qalet il-Qorti fis-sentenza **Mag. Hannibal Scicluna noe.vs. Harry Zammit, (27-3-1957) (Vol. XLI-II-951)**

*"Il-gurament li parti tista' tideferixxi lill-ohra mhux intiz biex jikkontempla l-preskrizzjoni, imma biex jirespingiha, billi l-preskrizzjoni brevi …… tikkontempla ruhha bl-istess perkors taz-zmien."*

Similment f' **Giuseppe Bugeja noe. Vs Giorgio Zammi. (27-5-1938) (Vol. XXX-I-645)**

*"Hija haga maghrufa fid-dritt illi din l-eccezzjoni (tal-preskrizzjoni) ghandha bhala bazi u fundament guridiku taghha l-ordni socjali, illi meta jkun ghadda certa zmien id-dritt jintilef, ghaliex il-legislatur kellu fl-ideja tieghu illi l-kawzi ma jkollhomx zmien interminabbli b'evidenti.*

Kif gia inghad fuq dan il-gurament mehud minn konvenut fuq l-istanza ta' l-attur ghandu natura decisiva.

Jekk wiehed jifli d-decizjonijiet moghtija tul is-snin tal-Qrati taghna, kif ukoll fil-Qrati kontinentali, wiehed jinnota illi meta jinghata dan il-gurament il-preskrizzjoni tigi atomatikament pruvata jew rigettata.

Tant hu hekk illi fil-kawza **<u>Chief Government Medical Officer vs Giorgina Muscat deciza 8-3-1978 (mhix pubblikata)</u>** (fuq imsemmija) il-Qorti waslet biex qalet illi meta jinghata dan il-gurament:-

*"L-attur, f'kaz bhal dan ikun qed jirremetti ruhu ghal kuxjenza tal-konvenut u jeleggieh imhallef tal-kawza tiehgu stess."*

L-istess fis-sentenza **<u>Nazzareno Bezzina vs. Albert Farrugia (Prim' Awla 5-5-1981) (mhix pubblikata).</u>**

*"Meta l-konvenut inghata lilu l-gurament, huwa stqarr li ma kienx debitur ta' l-attrici, u ghalhekk anki l-kundizzjoni imposta mill-artikolu 2265 (1) (illum 2160) tal-Kodici Civili tinsab sodisfatta. Ghalhekk il-preskrizzjoni tinsab pruvata."*

Il-Qorti dahlet aktar fil-fond u fid-dettal fis-sentenza:- **<u>Ing. Francesco M. Caruana vs Konti Francesco Sant Cassia (11-10-1940) (XXX-I-542)</u>**

*"Huwa risaput illi dan il-gurament illi l-ligi timponi f'certi preskrizzjonijiet brevi jew prezuntivi ta' pagament, ghandu natura ta' guramenti decizorju; in fatti mentri fil-kazi l-ohra ta' preskrizzjonijiet id-dekorrenza taz-zmien stabbilit mil-ligi hija bizzejjed sabiex id-debitur jista jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, f'dawn il-kazi il-ligi trid prova ohra, barra mid-dekorrenza taz-zmien, li tikkonsisti fil-gurament li l-kreditur jista jaghti lid-debitur. Huwa importanti dak li ntqal izjed fuq li l-ligi ma taghtix dan il-poter lil Qorti biex timponi l-gurament lid-debitur, izda thalli f'idejn il-kreditur jekk iridx jiddeferixxi l-gurament lid-debitur; u <u>ghalhekk dan il-gurament huwa msejjah "decizorju", ghaliex meta d-debitur jaccetta li jiehdu effettivament jahlef skond il-ligi, allura l-kwistjoni li b'hekk giet rimessa ghal-kuxjenza tad-debitur giet deciza defenittivament</u>. Din id-dottrina hija certa anke fil-gurisprudenza taghna."*

Insenjament simili jinsab fid-decizjoni fil-kawza:-

**<u>Antonio Borg vs Giusepep Lautier (26-5-1939) (XXX-II-250)</u>** *dizordni fis-socjeta u ghaliex wara certu zmien id-debitur jista jitlef dawk il-provi li huwa seta' jgib fiz-zmien ta' qabel. Pero billi din l-eccezzjoni hija bazata wkoll fuq il-kuxjenza tad-debitur illi jkun qieghed*

*jaghtiha, il-ligi ma tippermettix li tista tigi sollevata mill-Qorti ex officio, u precizament ghaliex qieghda bazata fuq il-kuxjenza tad-debitur, il-kreditur biex jinvoka izjed il-kuxjenza tieghu, jista jitlob illi jkun differit lid-debitur il-gurament skond il-formla tal-ligi".*

Pronunzjament car fuq dan il-punt jinstab fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fil-kawza **<u>Chief Government Medical Officer vs Giorgina Muscat deciza 8-3-1978 (mhix publikata)</u>**

*<u>"Meta l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament u l-konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur, ghalkemm qabel seta' jikkombatti l-preskrizzjoni b'mezzi ohra, ma jistax jerga lura u jahgzel mezz iehor, ghax kif kien qal l-Imhallef Dott. Lorenzo Xuereb fil-kawza Bianchi vs Guzman – 30 Ottubru 1872, Vol. VI -310 …… l-attur, f'kaz bhal dan ikun qed jirremetti ruhu ghal kuxjenza tal-konvenut u jeleggieh imhallef tal-kawza tieghu stess."</u>*

Ir-raprezentant tal-Kunsill konvenut moghtija dan il-gurament ikkonfermat illi dan il-hlas ma sarx, ghaliex ghall-ewwel ma kienux certi x'kien u wara irrifjutaw li ma jhalsuhx ghax kien ghaddha iz-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta car illi l-attur li ha dan ir-riskju tal-gurament decizorju, irnexxilu b'risposta bhal din jirribatti l-preskrizzjoni.

Ghalhekk l-indagni fuq din l-eccezzjoni trid necessarjament tieqaf hawn u l-kawza trid testendi fil-mertu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi l-ewwel eccezzjoni konvenuta cioe dik tal-preskrizzjoni billi jichadha u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. L-ispejjes koncernanti din is-sentenza jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

Kevin Mompalao

Gudikatur

D/Registratur